**26 ta' Novembru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Reginald Micallef u Walter Camilleri *noe.*

*versus*

Chev. Silvio Mifsud u Adrian Mifsud *noe.*

**Ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin – Klawsola ta' Ġurisdizzjoni Esklussiva ta' Foro Esteru – Polza ta' Kariku – The Hague Rules**

*Il-Qorti ta' l-Appell u l-ewwel Qorti eżaminaw klawsola ta' Ġurisdizzjoni esklussiva ta' Tribunal esteru ad esklużjoni ta' dik tal-Qrati tagħna f'Polza ta' Kariku. Il-Qorti tal-Kummerċ iddeklinat li teżerċita ġurisdizzjoni u illiberat il-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Minn eżami tal-ġurisprudenza tagħna kif ukoll tad-dottrina rilevanti, il-Qorti ta' l-Appell segwiet bħala konsonanti l-punti li waslet biex takwiżixxi l-ġurisprudenza tagħna relattivament għall-għażla tal-partijiet ta' ġurisdizzjoni estera, sakemm m'hemmx xi raġuni prattika u tajba biex jirrifjutawha jew meta huma obbligati mil-liġi li jassumu dik il-ġurisdizzjoni.*

*Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-appell ta' l-atturi u rrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u rrimettiet l-atti sabiex dawn jiġu ttrattati u deċiżi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet.*

Il-Qorti:- Rat iċ-ċitazzjoni fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li esponiet illi s-soċjetà *Muscat Motors Ltd.* importat mill-Italja erba' vetturi u dan permezz tal-bastiment *Malta Express* li daħal Malta fis-16 ta' Novembru 1984;

Matul il-vjaġġ l-erba' vetturi soffrew xi ħsarat billi, kif ġie allegat, kienu stivati ħażin u waqgħu fuqhom xi "*containers*". Għalhekk l-atturi talbu li jiġu riżarċiti għad-danni li sofriet is-soċjetà minnhom assikurata u lil ssurrogathom fid-drittijiet tagħha;

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti kienet fis-sens illi dik il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni billi l-atturi naqsu li jikkonformaw ruħhom ma' l-artikolu 27 tal-polza ta' karigu;

Il-Qorti ta' l-ewwel grad ikkunsidrat li dik l-eċċezzjoni għandha żewġ aspetti – wieħed li jippostula r-rekwiżit li għandu qabel xejn, ikun hemm tentattiv għall-akkordju amikevoli qabel ma jittieħdu passi ġudizzjarji, enunċjata f'dawn it-termini:

*"Tutte le domande d'indennità, per avaria, mancanza, deterioramento, perdita delle cose caricate, saranno rivolte, per regolamento amichevole, alle agenzie delle società, nel luogo di discarica";*

Dan l-aspett ġie eżaminat u deċiż mill-istess Qorti f'sentenza parzjali tagħha tad-9 ta' Diċembru 1988 u l-eċċezzjoni, f'dan is-sens ġiet miċħuda u l-kawża tkompliet biex jiġi kunsidrat it-tieni aspett;

Dan it-tieni aspett jolqot il-ġurisdizzjoni tal-Qorti, eskluża – skond l-eċċezzjoni – bil-kumplament ta' l-artikolu fil-polza ta' karigu:

*"Mancando l'accordo amichevole, tanto lo speditore quanto lo ricevitore, volendo agire in giudizio contro la società dovranno convenirla dinanzi l'autorità giudiziaria di Napoli, o Genova o Palermo, se la controversia è di valore non superiore a L.100,000 e dinanzi esclusivamente l'autorità giudiziaria di Napoli (Sede Legale della Società) se la controversia è di valore superiore a L.100,000 rinunciando espressamente, tanto lo speditore come il ricevitore ed ogni altro interessato al carico, alla competenza di qualunque altra autorità giudiziaria";*

Fuq dan it-tieni aspett, fil-21 ta' Ġunju 1989 l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet li m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu

konjizzjoni tal-kawża u konsegwentement illiberat il-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju u din il-preżenti sentenza hija risposta għall-appell interpost mill-atturi;

Il-Qorti qrat attentament in-noti ta' osservazzjonijiet li ssottomettew il-partijiet u l-fehmiet li iffurmat wara dan il-qari, u l-istudju u *r-riflessjonijiet li pprovokaw*, huma dawn:

(a) Il-polza ta' karigu – dokument A – kif innota sewwa l-attur fit-12 ta' April 1988 hija waħda li *solitament tintuża* fit-trasport marittimu **intern** taljan u mhux waħda li tiġi adoperata fin-negozji marittimi tas-soċjetà konvenuta fit-trasport bejn portijiet *taljani* u *portijiet esteri. Dan jidher mid-diċitura stess* ta' l-artikolu tal-polza, li qed jiġi kunsidrat billi kemm l-ammonti ta' flus imsemmija hemm kif ukoll ir-riferenza l-ewwel għal tlett ġurisdizzjonijiet ta' tlett portijiet taljani u mbagħad l-għażla ta' waħda – proprju fejn hemm – *la sede legale della società* – jiġifieri l-foro tad-debitur, il-belt ta' Napoli – jindikaw dak li ssottometta l-attur illi (a) din il-polza ta' karigu hija mfassla għat-trasport inter-taljan minn parti ta' l-Italja għall-oħra, u l-ġurisdizzjonijiet huma msemmija fil-konfront ta' ġurisdizzjonijiet oħra taljani u mhux esteri. L-artikolu jikkontempla kawżi b'sorte ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) danni – *niente di meno* – u dan juri biżżejjed li għalhekk il-"*modulo*" li ġie wżat f'din l-okkażjoni ma kienx adatt għall-karigu ta' merkanzija barra minn l-Italja;

Fuq din is-sottomissjoni l-kovenut ma rrisponda xejn, u s-sentenza appellata wkoll baqgħet, fuq hekk, siekta. Imma din il-Qorti *jidhrilha li dan ir-rifless fuq il-valur intrinsiku ta' l*-artikolu li pprovoka dan kollu, huwa importanti ħafna. U l-

validità ta' din l-interpretazzjoni issib ukoll konfort mill-kunsiderazzjoni illi billi l-Italja hija firmatarja tal-Konvenzjoni ta' Bruxelles ta' l-1924 – il-poloz ta' karigu intiżi għat-trasport internazzjonali huma dejjem soġġetti għal dak li aħna nagħrfu bħala *The Hague Rules* u artikolu bħal dan, ma jingħatax valenza internazzjonali;

Sussidjarjament għal dan kollu, però l-Qorti tħoss li billi formalment, almenu, dik il-polza ta' karigu – dokument A – ġiet iffirmata xorta waħda – u anki għaliex il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni hija ta' importanza u l-ewwel Onorabbli Qorti wriet ukoll titubanza biex waslet għall-konklużjoni tagħha, din il-Qorti tħoss li għandha tikkunsidra din il-kwistjoni b'mod aktar ġenerali u estensiv minn dak li ġie kunsidrat fil-paragrafu preċedenti;

Il-ġurisprudenza in kwistjoni tista' tiġi miġbura hekk:

(a) Kumm. – Cesareo vs Denaro – 5 / 2 / 1889. Vol.XII.127.

Din is-sentenza irrifjutat il-ġurisdizzjoni:-

*"Che dall'art. 27 delle Polizze di Carico esibite ... risulta che per qualunque domanda di indennizzo, ... il ricevitore che volesse portare in giudizio la società deve chiamarla innanzi al tribunale della Sede del Compartimento, a cui appartieni il piroscafo, restando d'accordo, esclusa la competenza del tribunale del caricatore e ricevitore ...*

*E sebbene secondo le regole generali la Corte di Malta avrebbe giurisdizione, e sarebbe competente a prendere*

*cognizione di cause concernanti merci arrivate in questo porto,* ***tuttavia, ciò non escluderebbe la giurisdizione pure delle Corti del convenuto e del luogo del contratto.''***

It-talba kienet għar-riżarċiment tad-danni minħabba li ma ġewx konsenjati tlett magni tal-ħjata, li kienu jidhru fil-polza ta' karigu;

(b) Kumm.- Castagna vs Denaro – 8 / 6 / 1889. Vol.XII.252;

Din hija ripetizzjoni tas-sentenza Cesareo vs Denaro, mogħtija mill-istess Qorti presjeduta mill-istess imħallef;

It-tieni kienet ukoll għad-danni:

*''constatata la cattiva condizione di un ottavo di vino, e la mancanza del contenuto dello stesso ...''.*

(ċ) Kumm.- Galea vs Hammer 14 / 5 / 1907. Vol.XX.III.32;

F'din il-kawża, il-kwistjoni kienet tirrigwarda danni fil-merkanzija skarigata f'Malta mill-bastiment ''*Marco Mingetti*'';

L-importanza tas-sentenza qegħda fil-fatt illi ġie ritenut illi l-Qorti għandha ġurisdizzjoni:

*''Per ciò che concerne l-istruzione di avaria, poichè rendesi il più delle volte impossibile la verificazione del danno per parte del tribunale estero di merce in Malta, od almeno tale esame*

*non potrebbe essere effetuato con quella essenziale per conservazione della merce medisima";*

u fl-istess ħin, però ċaħdet il-ġurisdizzjoni:

*"perciò che concerne la domanda per il pagamento o la decisione se i danni cadono o no entro i rischi assunti dalla compagnia, od altrimenti a decidere sulle clausole della polizza";*

B'hekk il-problema tal-ġurisdizzjoni ġiet maqsuma fi tnejn: pożittiva għal parti eminentement funzjonali u istruttorja kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni, u negattiva għal dak li jirrigwarda r-responsabilità u l-kundanna għall-pagament tad-danni;

Kif se jingħat aktar 'il quddiem, din is-sentenza ġiet segwita minn din il-Qorti ta' l-Appell tletin sena wara, ċjoè fl-1935;

(d) Kumm. - Pace vs Civitelli - 6 / 7 / 1911. Vol.XXI.III.71;

Dan il-każ huwa dak li l-aktar għamlu riferenza għalih il-partijiet u huwa rilevanti anki għaliex il-klawsola fil-polza ta' karigu li kellha quddiemha dik il-Qorti fl-1911 hija **kważi identika** għal dik in eżami. (Dan il-fatt, inċidentalment juri kemm hija sewwa il-viżwali li adottat il-qorti fil-paragrafu 6 ta' din is-sentenza);

Id-deċiżjoni tistabbilixxi:

(i) illi l-ġurisprudenza tagħna tammetti l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni a favur tal-bastiment u tas-soċjetà trasportatriċi;

(ii) illi però din il-ġurisdizzjoni tiġi eskluża meta timporta preġudizzju gravi għar-riċevitur fis-sens illi jkun għalih impossibli li jippersegwixxi l-kawża quddiem il-Qorti magħżula mill-konvenut u

(iii) meta minħabba ċ-ċirkostanzi jkun aktar sewwa li l-kawża ssir hawn bħal meta dan ikun il-post fejn l-aħjar li jistgħu jsiru l-provi u b'anqas spejjeż "*e non sarebbe pregiudizievole alla difesa per parte del vapore o dei suoi proprietari*";

(iv) Il-Qorti tikkonkludi:

"*In altri termini, la clausola escludente la competenza del tribunale è **soggetta ad eccezioni**, avuto riguardo alle circostanze sotto le quali la caricazione può essere stata introdotta*";

(v) Fil-każ partikolari mbagħad, assumiet il-kompetenza għar-raġuni illi:

"*l'odierna azione è diretta contro la compagnia non per fatti connessi colla navigazione e col trasporto o sbarco della merce, ma per colpe che si allegano commesse a danno dell'attore in queste isole, e pertanto il tribunale competente è quello di queste Isole ...*";

(e) Kumm. – Gatt vs Gollcher – 14 / 11 /1916. Vol.XXIII.III.484;

Din il-kawża kienet tirrigwarda danni minħabba nuqqas fil-kwantità ta' merkanzija konsenjata mill-bastiment. Is-sentenza, wara li eżaminat Cesareo vs Denaro u Castagna vs

Denaro (però mhux Pace vs Civitelli) tikkonkludi illi għalkemm klawsoli ta' riferenza għall-ġurisdizzjoni partikolari huma validi:

*"... ma tali clausole non fanno venire meno la competenza* ***del tribunale del domicilio reale,*** *la quale sussiste malgrado la inserzione di tali patti ...";*

u d-"*domicilio reale*":

*"e quello determinato dal luogo della scaricazione della merce, trattandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che solo possono accertarsi, alla scaricazione, ed è innanzi il tribunal del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolmente svolgersi e definirsi";*

(f) App. – Frendo vs Naudi – 9 / 12 / 1935 Vol.XXIX.I.1317;

Din hija l-unika sentenza ta' din il-Qorti li hija rapportata. Il-vertenza kienet, bħas-soltu, tirrigwarda nuqqas fil-merkanzija riċevuta;

Din is-sentenza abbraċjat l-operat tal-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Galea vs Hammer ( (ċ) supra) u ammettiet id-diviżjoni fil-ġurisdizzjoni;

(g) Kumm. – Bonello vs Mifsud – 30 / 4 /1938. Vol.XXX.III.373;

Din il-kawża wkoll kienet tirrigwarda nuqqas fil-merkanzija

skarigata, u għar-rigward tal-kwistjoni *'de quo agitur'*, intqal:-

"Illi patti simili ġew kunsidrati validi mhux biss mill-Qorti tagħna, imma, mill-Qrati Taljani u Franċiżi wkoll. Però meta jkun hemm bżonn ta' konstatazzjoni ta' mankanza ta' merkanzija jew ta' defiċjenza fil-piż u każ simili, non ostanti l-klawsola fuq indikata, (simili ħafna jekk mhux addirittura eku ta' dik tal-kawża preżenti) il-Qrati Tagħna huma kompetenti għal dan il-fini, peress li dawn huma fatti li jistgħu jaċċertaw ruħhom meta ssir l-iskarikazzjoni ..."

(h) Saret ukoll riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-20 ta' Jannar 1975 fl-ismijiet Thomas vs Angeland, li però ma żdiedet xejn ġdid mal-ġurisprudenza hawnhekk riportata u sempliċement applikata; waqt illi l-ebda indikazzjoni ta' data ma ingħata biex is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet Tonna Barthet vs Pace, tkun tista' tiġi eżaminata;

Din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li teżamina x'inhi l-prattika f'ġurisdizzjonijiet esteri – akbar minn tagħna – fejn il-frekwenza u l-kwantità tal-każijiet li jiġu kunsidrati, jimmoltiplikaw immensament l-esperjenza, u jidhrilha illi jkun utli li tirriproduċi, is-sommarju tal-prattika tal-Qrati Ingliżi, kif tidher fil-ktieb *Chorley & Giles' Shipping Law – 8th Edit. Gaskell, Debattista and Swatton. Pitman 1987 p.13:*

*"The principles to be applied by the court have been summarized as follows:*

*(1) Where plaintiffs sue in England in breach of an*

*agreement to refer disputes to a foreign court, and the defendants apply for a stay, the English court, assuming the claim to be otherwise in its jurisdiction, is not bound to grant a stay, but has a discretion whether to do so or not. (2) The discretion would be exercised by granting a stay unless strong cause for not doing so is shown. (3) The burden of proving such strong cause is on the plaintiffs. (4) In exercising its discretion the court should take into account all the circumstances of the particular case. (5) In particular, but without prejudice to (4), the following matters, where they arise, may properly be regarded: (a) In what country the evidence on the issues of fact is situated, or more readily available, and the effect of that on the relative convenience and expense of trial as between the English and foreign courts. (b) Whether the law of the foreign courts applies and, if so, whether it differs from English law in any material respects. (c) With what country either party is connected and how closely. (d) Whether the defendants generally desire trial in the foreign country, or are only seeking procedural advantages. (e) Whether the plaintiffs would be prejudiced by having to sue in the foreign court becasue they would: (i) be deprived of security for their claim; (ii) be unable to enforce any judgment obtained; (iii) be faced with a time bar not applicable in England; or (iv) for political, social, religious or other reasons be unlikely to get a fair trial;"*

Jiġi spjegat illi b'hekk il-Qrati Ingliżi adottaw prattika tal-Qrati Skoċċiżi magħrufa bħala "*forum non conveniens*" li titlob lil dak illi jopponi l-ġurisdizzjoni li jissodisfa lill-Qorti illi l-ġurisdizzjoni estera li jkun qed jinvoka tkun tista' tagħmel ġustizzja bejn il-partijiet sostanzjalment b'anqas inkonvenjenza u spiża, u li ma tipprivax lill-attur minn vantaġġ personali

leġittimu, jew legali li huwa jkollu fil-ġurisdizzjoni fejn ippropona l-kawża;

In suċċint, il-Qrati Ingliżi jirrispettaw l-għażla tal-partijiet ta' ġurisdizzjoni estera sakemm m'hemmx xi raġuni prattika u tajba biex jirrifjutawha jew meta huma obbligati mil-liġi li jassumu dik il-ġurisdizzjoni;

Din il-prattika tidher li mhux biss hija konsonanti mal-punti li s'issa waslet biex takkwiżixxi l-ġurisprudenza tagħna, imma anki fuq oħrajn li, naturalment, il-prattika tagħna għada ma kellhiex l-okkażjoni biex teżaminhom; dawk ma jidhrux li m'humiex ukoll konvenjenti għall-istruttura tad-dritt malti;

Tibqa' miftuħa l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni diviża li ġiet adottata fis-sentenzi msemmija Galea vs Hammer, 1907, u Frendo vs Naudi, 1935, li naturalment, għandha l-meriti u demeriti tagħha, imma li tirrikjedi aktar esperjenza u prova, però għall-iskopijiet ta' din is-sentenza, f'dan l-istadju, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha bżonn teżaminha;

Għal dawn il-motivi, għalhekk l-appell ta' l-atturi huwa milqugħ u s-sentenza appellata hija revokata u l-atti għandhom jiġu rimessi lill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ biex tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża u teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, biex tkun tista' tittratta u tiddeċidi l-kawża. Spejjeż mingħajr taxxa kif tissuġġerixxi l-komplessità tal-kwistjonijiet trattati.